Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 192 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Elliot Magri

Vs

Damien Cesare

Illum, 21 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Damien Cesare detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 116798 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Talli nhar l-4 t' Awwissu, 2016, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar, fil-fond Nru Flat 5 Triq Patri Gwann Azzopardi, Binja Binarju, Ent K, Sta Venera:

1. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta taghhom u cioe lil Lynsey Marie Harrington, Leonie Harrington u Reeve Riolo Harrington, jew ta' l-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati; u

Fl-istess lok, data, hin u fil-granet ta' qabel:

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Lynsey Marie Harrington u lit-tfal taghha biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra d-dixxedenti / axxendenti taghhom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza cioe Lynsey Marie Harrington, Leoni Harrington u Reeve Riolo Harrington jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna bizgha ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-5 t' Awwissu, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 87 (1) (h), 251 B (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-kap. 446 tal-Ligijiet ta' amlta poggiet that ordni ta' probation ghal tlett snin.

Inoltre biex tiprovdi ghas-sigurta' ta' Lynsey Marie Harrington, Leonie Harrington u Reeve Riolo Harrington, b' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet. Il-Qorti harget ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mighti kontestwalment li jifforma parti intgrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, ordnat illi minhabba n-natura tal-akkuzi, partikolarment sabiex ma tinholoqx vittimazzjoni sekondarja fuq il-persuni offizi, dina is-sentenza ma titqieghedx fuq il-web site ufficcjali tal-Gvern ta' malta, Sezzjoni Ligi u Infurzar u li

ikun hemm divjet fuq il-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali u fil-mezzi tax-xandir ta' l-istess sentenza.

Rat in-nota tad-denunzja tal-Probation Officer ppresentata fl-20 ta' Frar, 2019, fil-konfront ta' Damien Cesare.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tat-2 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat l-Art. 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 87 (l) (h) u 251 B (l) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta, trattat mal-hati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instab hati fil-5 t' Awwissu, 2016, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li kkonfermat is-sejbien tal-htija kif irrizulta minn dik l-imseemija sentenza ikkundannat ghal hmistax il-xahar prigunerija.

A tenur kont tal-Art. 382 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghamlet ordni ta' trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Lynsey Marie Harrington, Leonie Harrington u Reeve Riolo Harrington u dan ghal perjodu ta' tlett snin mill-llum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Damien Cesare minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tannulla l-imsemmija sentenza stante li ma hemmx il-fatti u definizzjoni ta' liema reat instab ħati u li hemm il-kundanna tiegħu
Kwalunke kaz tirriforma l-istess sentenza, billi fl-ewwel lok teżamina huwiex possibbli li bħalma jiġri f' każijiet oħrajn il-probation li kienet kważi għalqet ta' tlett snin tiġi mġedda għall-perjodu ulterjuri anke stante ċ-ċirkostanzi partikulari tal-kas u in subordine li l-piena inflitta tiġi ridotta għall-parametri effettivi u li jirriżultaw skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f' dan li ġej.

1. Jekk wieħed jara l-Artiklu 86 tal-Kodiċi Kriminali jsib illi l-piena f' każijiet żgħar tinżel għall-massimu ta' tlett xhur. Hekk jgħid il-proviso tal-Artiklu 86 li f' każijiet minuri tista' tagħti sa tlett xhur ħabs u jew inkella l-multa. Għalkemm ġie kkwotat l-Artiklu 87 (1) (h) bl-ebda mod la l-ewwel sentenza u lanqas is-sentenza li minnha qed isir appell m' hemm speċifikat taħt liema ipoteżi sar ir-reat taħt l-Artiklu 87 (1) (h) u l-istess jingħad għall-Artiklu 251 B (1).

   M' huwiex biżżejjed illi l-qorti tagħmel referenza għall-artikli tal-liġi imma trid ukoll tiddikjara ta' liema fatti kien instab ħati u konsegwentement il-qorti kienet għaddiet biex tagħti l-ordni tal-probation u issa li tikkonvertiha fi priġunerija.

2. Dwar il-piena.

   Minkejja li l-appellant ammetta fiż-żewġ okkażjonijiet wieħed irid jara liema piena kienet effettivament applikabbli għall-kas. Diġa` ingħad li l-Artiklu 86 bħala l-Artiklu tar-reat prinċipali jista' jikkostitwixxi piena sa' tlett xhur jew multa. Fl-artiklu 87 hemm iż-żieda ta' piena kemm-il darba jkun hemm il-prova u liema hija r-relazzjoni skont l-Artiklu 202 H. L-istess għandu jingħad għall-Artiklu 251 B li ġie mimsus diversi drabi u konsegwentement għandu jingħad illi l-piena inflitta fuqu mhijiex daqstant regolari. Għandu jingħad ukoll li l-probation kienet ingħatat fil-5 ta' Awwissu 2016 u aħna qegħdin xahar qabel li jgħalqu t-tlett snin.

   Mhux biss li wieħed jagħmel l-ammissjoni bikrija għandu rilevanza imma anke t-trapass ta' żmien li jkun għadda mill-akkuża oriġinali. Din kienet tlett snin qabel u kien baqalha ftit biex il-probation tagħlaq.

Illi mbagħad illegalita` li ġiet aċċettat mill-qorti u dan meta l-qorti aċċettat dak li qal il-probationofficer illi "li baqa' miexi fil-ħajja kriminuża tant li nfetħu numru ta' proċeduri oħra fil-konfront tiegħu."

Il-ftuħ ta' proċeduri ulterjuri ma jfissirx li hemm ħtija. Illi l-preżunżjoni tal-innoċenza jidher li ħarġet mit-tieqa għaliex kulħadd huwa preżunt ħati sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju. Hekk jidher li hija l-pożizzjoni ta' Matthew Fleri Soler, liema pożizzjoni l-qorti reġgħet irrepetiet fis-sentenza tagħha.

Rat l-atti tal-kawza

Rat il-fedina penali aggornata esebita fl-att a fol. 35 et seq.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Damien Cesare prezentat fir-registru ta' din l-Qorti nhar it-8 ta' Lulju, 2019 fejn interpona appell mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-2 ta' Lulju, 2019 u dan ghaliex stqarr fl-ewwel lok li l-ewwel Qorti kellha taghti motivazzjoni fis-sentenza taghha u cioe tiddikjara ta' liema fatti kien qed jinstab hati u mhux taqbad u taghmel referenza ghall-artikoli tal-ligi li fil-fehma taghha huma applikabbli ghall-kaz stane li permezz ta' dan is-sentenza hija bidlet Ordni ta' Probabtin ghall-piena karcerarja ta' hmsitax-il xaghar.

Fit-tieni lok, l-appellant stqar li stante l-ammissjoni tal-appellant il-piena imposta kient wahda eccessiva molto piu meta tqis li l-appellant ikkommetta ir-reat in kwistjoni kwazi fl-gheluq tal-Ordni tal- Probabtion u cioe xahar qabel ma ghalqet l-Ordni.

Dan hu kaz fejn Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali partikolari, qed tghaddi ghal sentenza fuq kaz ta' portata medja bla ma tat uqija motivazzjoni biex turi kif waslet ghall-konkluzzjoni taghha. Di fatti il-Qorti skond il-prime note tal-udjenza tat-12 ta' Gunju, 2019, (fol. 24) wara li giet registrata ammissjoni dwar id-denunzja presentata mill-Ufficcjal tal-Probabtion, regghet tat zmien lill-akkuzat illlum appellant sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u dan billi ssospendiet is-seduta fejn gie spjegat lilu n-natura tal-akkuzi li kien ser jigi trattat fuqhom u iddiferiet il-kawza ghas-sentenza. Ftit jiem wara inghatat sentenza fil-konfront tal-appellant fejn gie ikkundannat hmistax il-xahar prigunerija.

Illi din il-Qorti ghalhekk esaminat iss-entenza esebita a fol. 26 u jirrizulta li verament ma hemm l-ebda motivazzjoni kwalsiasi fis-sentenza appellata. Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba minn Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar anke aktar serji privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b'rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet din il-Qorti divesament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joslann Brignone</u>** [1]fejn stqaret is-segwenti :-

*"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni*

*segwenti.*

*Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati ………………… li kawzi ta' certa portata w gravita'qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien*

[1] Deciza nhar it-8 ta' Frar 2007

*koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax ilmotivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenziu f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. …….qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni "*

Illi huwa minnu li f'din il-kawza kuntrarjament ghal hafna sentenzi ohra l-Qorti kienet rinfaccjata b'ammissjoni u ghalhekk l-appellant stess in vista tal-ammissjoni tieghu kien jaf li ser jinstab hati tal-akkuzi kif ammessi minnu. Illi l-ligi kif inhi ma tirrikjedix lill-ewwel Qorti tispjega il-fatti li dwarhom qed jinsab hati molto magis f'sitwazzjoni bhal din fejn rinfaccjata b'ammissjoni inkondizjzonata. Pero' wasal iz-zmien ghal intervent legislattiv sabeix is-sentenzi kollha tal-Qorti specjalment meta dak li jkun ser ikollu piena ta' karcerarja imposta fuqu li l-Qorti tal-Magistrati stess timmotiva s-sejbien ta' htija w piena.

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet jew ghad-diskrezzjoni uzata minnha fl-imposizzjoni tal-piena moghtija. Ghalhekk

sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant li qed jigi michud.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant qed jappella mill-piena impsta u dan ghaleix filf-ehma teighu keint wahda eccesiva konsierando l-ammissjoni teighu u l-Ordni tal-probabtion kienet waslet kwazi fl-ahhar u cioe fl-ahhar xahar tat-tlett snin taghha. Jghid ukoll I l-piena inflitta mhix wahda regolari u dan ghaleix isostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tapplika iz-zieda imposta fl-artikolu 87 stante li ma hemm l-ebda prova dwar ir-relazzjoni rikjesta fl-artikolu 202H tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Jinghad li l-appellant kien gie imresaq akkuzat bir-reat a arret illegali kif kontepmlat fl-artikolu 86 tal-ligijeit ta' Malta fejn f'kaz ta' htija l-piena applikabbli hi dik ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn. Fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe 'Meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom' kif dispot fl-artikolu 251A tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija "*l-piena hija dik ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhuxinqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sittmija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien*"
Ghalhekk l-piena impsota u cioe dik ta' hmistax-il xahar prigunerija taqa' fil-parametri tal-ligi.

Illi minn esami tal-istqarrija tieghu esebit fl-atti a fol. 7 et sq jirrizulta meta l-appellant gie msitoqsi jekk jafx minnhi l-kwerealnti Lyndsy Harrington stqarr li kient is-siehba teighu u li kien ilu f'relazzjoni maghha u ighixu flimkien ghal perijodu ta' sena u nofs. Qalukoll I ghandu tifla ta' sena u xaghrejn u tarbija ohra gejja. Mistoqsi jekk kienx jafx li kien sakkar il-partner tieghu ta' tmin xhur tqala flimkien ma tifla ta' tnax-il sena u tifel ta' erba' snin ighid li jaf. Ghalhekk in vsita ta' din ix-xhieda mhux imcahda mill-appellant stante l-

ammissjoni teighu l-Qorti applikat ukoll l-artikolu 87(h) tal-kap 9 tla-ligijiet a Malta. L-appellant fir-rikors tieghu jghid li mill-provi akkweziti ma jirrizultax li r-relazzjoi ta' bejn l-appellant u l-kwerelant Lyndsay ma irrizultatx Pero' jekk wiehed janalizza l istqarrija jirrizulta bic-car li Lyndsy hija it-tfajla/partner tal-appellant u li meta giet imsakra kellha zewgt itfal maghha. Ghalhekk jirrizulta ic-cirkostanza kontemplata fl-artikolu 202(h) tal-akap 9 fejn il-Qorti setghet izzid il-piena applikabbli bi grad jew zewg gradi perss li d-delitt ta' arrest illegali sar fuq il-persuna ta'sieħeb f'unjoni ċivili/ jew koabitant. Ghalhekk l-ewwel Qorti dwar ir-reat ta' arrest illegali setghet ikkundannat lill-appellant ghal perijodu masimu ta' tlett snin jekk il-piena tizdied bi grad jew ta' erbgha snin jekk il-piena tizdid bi zewg gradi taht l-artikolu 31(b) (viii) tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk dwar dak li stqarr l-appellant fit tieni aggravju liema hija l piena applikabbli ghal kaz jirrizulta li l-ewwl Qorti imxiet b'mod tajjeb mad-disposizzjonijiet tal-ligi fil-kwdru tal-fatti kif jirrizultaw mill-atti proceswali. Ghalhekk zgur li l-piena ta' hmsitax-il xahar prigunerija taqa' fil-parametri tal-ligi.

Wara il-kwistjoni jekk l-ewwel Qorti kellhiex tapplika piena karcerarja din il-Qorti esaminat il-provi kollha biex tara jekk l-ewwel qorti kienitx eccessiva fl-ghoti tal-piena. Jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni meta originarjament l-appellant kien tressaq il-Qorti il-fatti li kellu fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija tieghu tant li iddecidiet li tpoggih taht Ordni ta' Probabtion ghall-perijodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Cio nonnostante Pero' l-appellant ma tghallimx u dan ghaliex fil-mori tal-Ordni tal-Proabtion jirrizulta li ma zammx in kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probabtion, li biddel l-indirizz ta' fejn kien qed jirrisjedi minghajr ma avza lill-ufficcjal tal probabtion, naqas li izomm kuntatt mal-psikologa u ghalhekk huwa evidenti li l-appellant ma ghandux rispett lejn l-awtoritajiet ujahseb li

jsita jibqa jghamel li jrid b;disrispett lejn l-Awtorita tal-Qorti u bi sfida lejn l-istes Qorti li kienet lesta li ittih kul chance beix tghinu jabad it-triq it-tajba.
Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[2] ; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [3] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** [4] ;"**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit** [5] u tant sentenzi ohrajn .)

F'dan il-kaz, fl-assenza assoluta ta' motivazzjoni, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biextara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-pien amoghtija in vista tal-ammissjoi registrata mill-appellant.

Rat ix-xhieda imresqa mill-istess appellant u dan sabiex tara jekk in effetti l-appellant hux qed ighin ruhu biex jerga jaqbad it-triq it-tajba u jindirizza il-problemi tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Petra Scicluna** moghtija nhar is-26 ta' frar, 2020 fejn ikkonfermat li Cesare beda jattendi sessjonijiet maghha, waqt li kien qieghed

[2] Deciz mill-Qortial-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994
[3] Deciz mill-Qortial-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989
[4] Deciz mill-Qortial-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[5] Deciz mill-Qortial-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991.

il-CORS (Centre of restorative Services) u dan fi Frar 2019 qisu xi xaghrejn wara li kien dahal il-habs.

Spjegat li baghtet ghalih xi hmsitax-il darba sakemm intemmet is-sentenza ta' prigunerija li huwa kellu. Tghid li l-attendenza tieghu dejjem kienet regolari. Qalet li dawn is-sessjonijiet kienu diretti sabiex jindirizzaw il-problema li huwa kellu ta' abbuz ta' droga. Qalet li dejjem kien rispettabli u wera impenn ghall-istruttura terapewtika kif jidher car mill-attendenza regolari tieghu. Huwa wera livell tajjeb ta' motivazzjoni biex jindirizza aspetti relatati mad-droga. Tant li anke wasal biex jitlob l-ghajnuna minn jeddu fil-komunita biex ikompli jahdem fuq il-problema ta' droga.

Ghalhekk gie riferut ghal Drugs Community Team tal-Agenzija Sedqa li bdew isegwuh fl-ahhar fazi tal- inkarcerazzjoni tieghu. Tghid li kien isibha difficli izomm lura mid-droga meta kien barra il-habs Fil-fat tispjega li din kienet twaslu biex jesperjenza problemi familjari, emozzjonali kif ukoll illegali tant li kien jikkommetti ir-reati meta kien ikun taht l-influwenza ta' xorb u droga Kokajina.

Spjegat ukoll li din il-problema tidher ukoll li kienet tilhaq il-kriterji tad-dijanosi skond il-Hames edizzzjoni tad-DSM (Diagnostic Statistical Manueal). Id-dijanozi hija ta' Stimulant Related Disorder li hija relata ma natura severa.

Spjegat li dan ifisser li Cesare waqt il-kumissjoni tal-allegat reat kien qieghed juri sitta jew aktar kriterji identifikati fid DSM. Qalet li kellu aptit inkontrollabli sabiex jabbuza mid-droga u din ukoll kienet tidher prezenti fil-hajja ta' Cesare fejn jghid li ma kienx jista jikkontrolla l-uzu tad-droga. Kien anke waqt il-hin tax-xoghol jiehu d-droga u jekk ma jiehux ma setax jikkopja mal-hajja ta' klujum. Maz-zmien minhabba iz zieda fit-tolleranza kien hemm zieda fil-konsum Dan kien jidher evidenti ghaliex kien izid id-doza tal-Kokajina u minn sempliciment mezz ta' rikreazzjoni jew abbuz okkazzjonali

spicca jabbuza b'mod regolari sa 5 grammi kuljum zieda fil-konsum ghall-perijodi twal.

Spejgat li beda juza d-droga meta kellu erbatax-il sena u baqa' dejjem izid id-doza tad-droga. Kien hemm xewqa li jnaqqas jew jieqaf mill-konsum imma ma setghax. Qalet ukoll li irrizultalha li Cesare kien jaqbad argumenti mal-partner tieghu sabiex ikolllu skuza biex johrog mid-dar biex jixrob u jabbuza mid-droga. Kien iqatta' hin twil f'cetu attivitajiet partikolari biex jinqeda bid—droga. Kelllu gibda u kilba kbira biex jabbuza mill-Kokajina u kien hemm ukoll persistenza fl-abbuz ta' droga minkejja il- konsegwenzi fuq familtu u sahtu u konsegwenzi legali li huma evidenti. Cesare spjegalha li meta kien jixrob kien jigi aggressiv u ghalhekk kien ikollu anke problema fir-relazzjonijiet. Kien hemm ukoll uzu ta' stimulant minkejja gharfien li kien qed isofri problemi psikologici jew ta' sahha li setghu kienu konsegwenza ta' uzu ta' sustanzi.

Fir-rwol ta' progress jidher mis-sessjonijiet li Cesare ghamel hiltu biex jindirizza l-problema ta' uzu ta' droga, kif ukoll itejjeb ir-relazzjonijiet mal-familjari tieghu u l-kwalita tal-hajja b'mod generali Kien hemm perijodu fejn il-livell ta' motivazzjoni naqas xi ftit imma deher li anke f'dan il-perijodu irrikorra ghall-ghajnuna u kkommetta ruhu ghas-sessjonijiet psikologici.

B'zieda fl-gharfien u l-abilta lis-sur Cesare, huwa fittex u talab ghall-ghajnuna b'mod xieraq tant li anke talab ghas- servizzi tal after care la darba tintemm is-sentenza tieghu gewwa il- Facilita Korrettiva ta' Kodin. Gie innutat progress billi qed jassumi aktar responsabilita ghall-ghazliet li jaghmel. Cesare dejjem kien motivat biex jahdem u wera impenn ghax-xoghol tieghu bit- tibdil tieghu posittiv li wettaq fl-imgieba tieghu u fl-atitudini tieghu anke waqt inarkcerazzjoni huwa kien inghata l-opportunita sabiex johrog jahdem fil-komunita , liema impieg kellu izomm la darba tintem is-sentenza tieghu. Il-feed back li kellha kien wiehed posittiv.

Rat ukoll dak li stqarr il-Konsulent **Dr. David Cassar** nhar is-26 ta' Frar ,2020 fejn stqarr li ma jafx lir-rikorrenti Pero' gab in-notamenti li ghandu li hass li huma relevanti. Spjega li dawn huma noti li hemm fis-sistema taghhom ta' Bormla Health Centre. Qal li r-rikorrenti kien gie riferut lilhom fit-23 ta' Awwissu, 2018. In-notament tat-tabib li rrefera lir-rikorrenti stqarr li Cesare kein qieghed il-Habs u kellu nuqqas ta' aptit.

Ghalhekk baghtu ghalih fit-3 ta' Settembru u dak in-nhar stess irrizulta li Cesrae beda ighid li kien aggressiv u li l-medicinali li kien qed jiehu ma kienux qed ighinuh u ddecidew dakinhar stess li jibghatuh ghall- vizita Mater Dei biex jigi invistat mill -Crisis Team. Imbaghad inghata appuntament iehor ghall-11 ta' Settembru li gie differit ghad-9 ta' Ottubru, 2019

Fis-7 ta' Ottubru, cemplulu biex ifakkruh fl-appuntament. Regghu cemplulu fid-9 ta' Ottubru biex ifakkruh fl-appuntament izda ma setghux jaqbduh. Kelmu kemm lil ommu u lit-tfajla tieghu biex jghidulhom biex jfakru lil Cesare fl-appuntament li kellu. Pero' skond ma qalet it-tfajla tieghu u hemm rapportat li Cesare irrifjuta l-ghajnuna u minn dak iz-zmein 'l quddiem ma kellux aktar kuntatt mieghu.

Illi ghalhekk mis-suespost jidher li l-appellant ghandu probelma ta' abbuz ta' droga u ma jridx jindirizza b'mod serju dan il-vizzju mishut. Ghalhekk jidher li minkejja li l-ewwel Qorti uriet fiducja fl-appellant u tatu *chance* jirpilja u jghin ruhu dan ta' bis-sieq din l-opportunita' u mhux hekk biss, izda anke waqt il-mori ta' dawn il-proceduri ma ghenx ruhu izda baqa' jisfida l-awtoritajiet. Dan l-attggjament tal-appellant mhux accettabli u ghandu jigi indirizzat b'mod serju u ghalhekk ghamlet sew l-ewwel Qorti meta mponiet piena ta' hmsitax-il xahar ta' prigunerija.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tikkonferma is-sentnza mogħtija mill-ewwel Qorti u qeda tikkonfermaha kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

Qeda ukol tikkonferma l-ħrug ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront ta' l-appellant a favur ta' Lunsey Marie Harrington, Leonie Harrington u Reeve Riolo Harrington u dan għal perijodu ta' tlett snin millum

In oltre qeda għal darb' oħra tordna li s-sentenza tiġi komunikata lil Onorevoli Minsitru tal-Gustizzja u dan sabiex jiehu konjizzjoni ta' dak mistqarr aktar il fuq u jiehu ħsieb li ikun hemm emendi fil-liġi fir-rigward tal-għoti tas-sentenza mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-kwisjtoni ta' motivazzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imħallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur